**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 2/16VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 7 ta' Jannar 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX fl-20 ta' Jannar 2016 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jordna s-sospensjoni ta' l-effetti ta' l-ittra datata 4 ta' Diċembru 2015 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex b'hekk ma jkomplix jiżdied l-ammont ta' taxxa addizzjonali dovuta sakemm tiġi deċiża din il-kawża u prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.01.12-31.03.12, 01.07.12-30.09.12 u 01.10.12-31.12.12 huma inkorretti, jiddikjara li ma hemm ebda ammont dovut minnha lill-Kummissarju tat-Taxxi, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "L" a fol. 6 sa' 49 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, stante li: (i) in linea preliminari l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv; u (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A"sa' Dok. "J2" a fol. 57 sa' 352 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2017[1] ġie invertit l-istadju tal-provi limitatament għall-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;

[1] Fol. 384 tal-proċess.

Ra d-dokumenti markati Dok. "BE1" sa' Dok. "BE12(ii)" esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fit-2 ta' Mejju 2017 a fol. 367 sa' 383 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2017[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RZM" a fol. 386 sa' 392 tal-proċess, sema' ix-xhieda ta' Mireille Turner mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2018[3] u ra id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MT1" u Dok. "MT2" a fol. 397 u 398 tal-proċess u ra l-affidavit ta' Raymond Mallia esebit mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fit-8 ta' Mejju 2018;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell a fol. 405 sa' 412 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tas-soċjetà Rikorrenti dwar din l-istess imsemmija eċċezzjoni a fol. 413 sa' 420 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti titlob is-sospensjoni ta' l-effetti ta' l-ittra datata 4 ta' Diċembru 2015[4] maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex b'hekk ma jkomplix jiżdied l-ammont ta' taxxa addizzjonali dovuta sakemm tiġi deċiża din il-kawża u prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.01.12-31.03.12, 01.07.12-30.09.12, u 01.10.12-31.12.12 permezz ta' liema jesiġi ħlas tas-somma komplessiva ta' €25,361.03 rappreżentanti taxxa, taxxa amministrattiva w imgħaxijiet, huma inkorreatti, it-Tribunal jiddikjara li ma hemm ebda ammont dovut minnha lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Is-soċjetà Rikorrenti tibbbaża l-appell tagħha mill-imsemmija stimi fuq is-segwenti aggravji: *jider ċar illi d-diskrepanzi li hemm huma naxxenti mill-ammonti indikati f'Box 3, ossia l-akkwisti IK ta' oġġetti u servizzi mixtrija minn Stati membri oħra, tal-perijodi indikati fl-istimi/dikjarar ta' VAT: 01/01/2012-31/03/2012 - EUR 18,936.00; 01/07/2012-30/09/2012 - Eur 5,097.00; 01/10/2012-31/12/2012 - Eur 44,243.00. … Illi biex jiġi stabilit ir-raġuni tal-figuri hawn fuq indikati, ftit ġranet wara li rċeviet l-ittra surreferita datata 4 ta' Diċembru 2015, is-soċjetà rikorrenti tramite l-impjegata tagħha Chantalle Mallia Fondè minnufih bdiet tagħmel tentattivi ta' komunikazzjoni mal-firmatarja ta' l-ittra Denise Said, sabiex tara kif tista' tipproċedi bl-ispjegazzjonijiet tagħha, iżda l-istess Denise Said ma kienetx f'pusizzjoni li tirrispondi għad-domandi tas-soċjetà rikorrenti minħabba ż-żmien tas-sena kif ukoll peress li ma kienetx Malta għal perijodu ta' żmien u dan minkejja illi fl-istess ittra kien hemm indikat illi 'without prejudice to the contents of the preceding paragraph, any queries regarding this assessment may be referred to the undersigned'. Illi għandu jingħad illi fl-avviż surreferit ma hemm ebda indikazzjoni tal-bażi ta' l-ammonti riveduti mill-Kummissarju konvenut, u dan bi preġudizzju għad-dritt tas-soċjetà rikorrenti li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha, u dan peress ukoll li qatt ma saret laqgħa bejn il-partijiet ir-rikorrenti tittratta l-każ tagħha sabiex jiġu ċċarati d-diskrepanzi li fuqhom il-konvenut qiegħed jibbaża l-istima tiegħu. Illi s-soċjetà rikorrenti qatt ma ingħatat kopja tar-rapport illi sar fil-konfront tagħha mill-VAT Inspector li solitament jitqabbad mid-dipartiment b'dan illi ma setgħetx tirribatti s-sejbiet li allegatament saru fil-konfront tagħha. Illi peress illi s-soċjetà rikorrenti spjegat u kienet lesta li*

[2] Fol. 393 tal-proċess.
[3] Fol. 401 u 402 tal-proċess.
[4] Dok. "H" a fol. 45 tal-proċess.

*tkompli tispjega kwalunkwe differenzi li allegatament jidhru fil-formoli, is-soċjetà rikorrenti ma tistax tifhem għalfejn l-informazzjoni pprovduta qiegħda titqies bħala invalida, u għalhekk kompliet issostni l-oġġezzjoni tagħha u permezz ta' dan l-appell qed titlob sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu wara l-ispjegazzjonijiet neċessarji u t-trattazzjoni tal-kawża. Illi s-soċjetà rikorrenti reġgħet kitbet email oħra lil Denise Said sabiex titlob spjegazzjoni ta' dak li ma kienx hemm qbil dwaru, liema email iżda baqgħet ma twieġbet qatt. Illi di più fl-ittra datata 13 ta' Novembru 2015 annessa u mmarkata bħala Dok. G, is-soċjetà rikorrenti kienet ippreżentat diversi dokumenti li sussegwentement ġew aċċettati iżda mhux imnaqqsa mill-ammont dovut (ossia Box 34 fil-formola tat-taxxa għall-perijodu 1/10/2012-31/12/2012 annessa u immarkata Dok. L) u għalhekk qed jerġgħu jiġu ppreżentati ma' dan l-appell. Illi r-rikorrenti għadha ssostni li l-informazzjoni u l-ammonti kif dikjarati minnha fil-formoli tat-Taxxi huma kollha ġusti u korretti b'dan illi ppreżentat anke dikjarazzjonijiet ġuramentati tad-direttur Ray Mallia (KI 19759M) sabiex taċċerta li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-konvenut, u l-istimi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jirriflettix l-akkwisti li verament saru minn stati membri oħra f'dak il-perijodu. Illi la ngħatat u lanqas teżisti ġustifikazzjoni għan-numri kwotati f'paragrafu 7 ta' dan ir-rikors li huma fl-istimi pprovduti mill-konvenut mibgħuta lir-rikorrenti u mmarkati b'Box 3 tal-perijodi hemm indikati*[5].

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jiġi miċħud stante li: *preliminarjament l-esponenti jsostni l-eċċezzjoni preliminari tiegħu illi dana l-appell huwa rritu u null stant li huwa tardiv. … bla preġudizzzju għall-premess, l-appellat umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jiċħad il-gravami kollha fl-appell de quo stante li huma invalidi fil-fatt u fid-dritt. … Is-soċjetà appellanti qiegħda tallega li ma kellhiex spjegazzjoni rigward l-ammonti li l-appellat kien qiegħed jimponi fuqha w allura ma setgħetx tiddefenti ruħha. L-appellat umilmenti jirrileva li l-ispjegazzjoni tiegħu kienet waħda eżawrjenti. Dan ġa jirriżulta mill-ittra li ntbagħtet mill-appellat lill-appellanti li kienet mehmuża ma' l-istejjem proviżorji. F'din l-ittra kienu elenkati bl-aktar mod skrupoluż ir-raġunijiet ta' x'wasslu lill-esponenti jieħu tali deċiżjonijiet fl-istadju ta' l-investigazzjoni. Illi l-esponenti jtenni li hu wkoll kien attent għal dak li kien qiegħed jiżvolġi fl-istadju tar-Review, tant li quddiem argumentazzjoni kkorroborata minn dokumentazzjoni xierqa ma sab l-ebda oġġezzjoni biex jirrevedi l-pożizzjoni li kien ħa fl-istadju ta' l-investigazzjoni. Dan tant hu minnu li l-appellat naqqas l-istejjem provviżorji b'madwar €170,000. Issa rigward il-fatt li jekk l-appellat, tenut kont taċ-ċirkostanzi elenkati supra ma rrevokax l-istejjem provviżorji in toto kif kienet qiegħda tippretendi l-appellanti, dan ma għandux ikun interpretat li ma ngħatalhiex smigħ xieraq*[6].

Fil-fehma tat-Tribunal l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi għandha tiġi trattata u determinata qabel ma' l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jiġi trattat fil-mertu. Għaldaqstant, f'din is-sentenza qed tiġi trattata u determinata appuntu l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell hekk sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur tal-Partita 2(1)(ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta *appell kontra stima ma jkunx validu sakemm: … (ċ) tkun saret fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell.* Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li s-soċjetà Rikorrenti ma ottemperatx ruħha ma' dan il-provvediment tal-

[5] Para. 7 sa' 15 tar-Rikors promotur, fol. 2 u 3 tal-proċess.
[6] Para. a sa' d tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 54 u 55 tal-proċess.

Liġi għar-raġuni li l-appell mill-istimi li ġew notifikati lilha fil-11 ta' Diċembru 2015 ġie intavolat fl-20 ta' Jannar 2016, ossia għaxart ijiem tard (mhux ħdax-il ġurnata tard kif pretiż mill-Kummissarju). In sostenn ta' l-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi ressaq bħala xhud lir-rappreżentant tiegħu Roderick Zammit Randich illi iddikjara li *qed nippreżenta l-ittra rigwardanti l-istejjem li ħarġu lil Blye Engineering Company Limited datata 4 ta' Diċembru 2015 flimkien ma' l-istejjem relattivi . Qed nippreżenta wkoll in-notifika ta' l-AR Card li hija datata 11 ta' Diċembru 2015 u kienet imqassma permezz tal-posta u ma' din ukoll hemm print out tat-track and trace tal-posta biex tikkonferma d-data tat-tqassim. L-appell fil-fatt ġie ppreżentat fl-20 ta' Jannar 2016*[7]. Id-dokumenti esebiti minn Roderick Zammit Randich ġew immarkati Dok. "RZM" u jinsabu a fol. 386 sa' 391 tal-proċess.

Fir-rigward tan-notifika ta' l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha s-soċjetà Rikorrenti tirrikonoxxi li dawn tqassmu fil-11 ta' Diċembru 2015 u żżid tgħid illi ġew aċċettati minn ċerta Roberta Borg, iżda tikkontendi li n-notifika ta' l-ittra ta' l-4 ta' Diċembru 2015 u ta' l-istimi lil Roberta Borg ma kenitx waħda valida peress illi l-istess Roberta Borg ma hijiex impjegata tagħha. B'konsegwenza ta' hekk tikkontendi li dan l-appell qatt ma jista' jitqies li huwa tardiv u in sostenn ta' tali affermazzjoni ressqet bħala xhieda lil Mireille Turner, direttur tas-soċjetà Blye Co. Ltd., u lid-direttur tagħha stess Raymond Mallia.

Fl-affdiavit tiegħu Raymond Mallia ddikjara li *Roberta Borg, cioè l-persuna li rċiviet l-ittra datata 4 ta' Novembru 2015 iffirmata minn Denise Said li fuqha hija msejsa l-eċċezzjoni ta' Fuori Termine eċċepita mill-appellat, qatt ma kienet impjegata tas-soċjetà appellanti XXX C-8256 u għalhekk ma kellha l-ebda awtorità sabiex taċċetta notifika ta' dan it-tip f'isem l-istess soċjetà. Nikkonferma li għalhekk u għal kull buon fini s-soċjetà appellanti XXX C-8256 qatt ma ġiet notifikata skond il-Liġi*[8]. Mireille Turner[9], direttur tas-soċjetà Blye Co. Ltd., iddikjarat illi l-firma li tidher fuq l-AR Card relattiva għat-tqassim ta' l-ittra ta' l-4 ta' Diċembru 2015 hija l-firma ta' Roberta Borg li fiż-żmien tat-tqassim ta' l-ittra in kwistjoni kienet impjegata tas-soċjetà Blye Co. Ltd. u mhux tas-soċjetà Rikorrenti. In sostenn ta' dak minnha affermat Mireille Turner esebiet żewġ dokumenti li skontha juru l-engagement u t-termination ta' l-impjieg ta' din Roberta Borg mas-soċjetà Blye Co. Ltd[10].

Fil-fehma tat-Tribunal il-punt determinanti fil-każ in eżami ma huwiex jekk in-notifika lis-soċjetà Rikorrenti saritx, imma jekk saritx fil-11 ta' Diċembru 2015 bil-konsegwenza għalhekk li t-terminu għall-intavolar ta' l-appell mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha beda jiddekorri minn dakinhar.

Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ittra datata 4 ta' Diċembru 2015 u l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti effettivament tqassmu u dana kif jirriżulta b'mod ċar mill-AR Card[11] u mill-*Local Track and Trace*[12] esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi kif ukoll jinsab rikonoxxut mis-soċjetà Rikorrenti stess. Li dawn l-istimi effettivament waslu għand is-soċjetà Rikorrenti lanqas ma huwa dubitat peress illi l-istess soċjetà effettivament ippreżentat l-appell odjern mill-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.01.12-31.03.12, 01.07.12-30.09.12 u 01.10.12-31.12.12. Huwa

[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2017, fol. 393 tal-proċess.
[8] Affidavit ta' Raymond Mallia a fol. 400 tal-proċess.
[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2018, fol. 401 u 402 tal-proċess.
[10] Dok. "MT1" u Dok. "MT2" a fol. 397 u 398 tal-proċess.
[11] Fol. 391 tal-proċess.
[12] Fol. 392 tal-proċess.

evidenti għalhekk illi Roberta Borg għaddiet l-ittra ta' l-4 ta' Diċembru 2015 lis-soċjetà Rikorrenti u dak li jrid jiġi determinat huwa meta din Roberta Borg għaddiet l-ittra in kwistjoni lis-soċjetà Rikorrenti

Għalkemm is-soċjetà Rikorrenti tisħaq li n-notifika lil Roberta Borg ma kenitx valida peress illi din Roberta Borg ma kenitx impjegata tagħha fiż-żmien in kwistjoni, in verità dan il-punt huwa kemm xejn irrelevanti ladarba s-soċjetà Rikorrenti intaolvat l-appell mill-istimi in kwistjoni. Detto ciò però t-Tribunal iqis li għandu fi kwaunlkwe każ jikkonsidra u jittratta l-provi u sottomissjonijiet avvanzati mis-soċjetà Rikorrenti fir-rigward.

Għal dak li jirrigwarda l-perunsa li tirċievi notifika ta' att, avviż jew ittra indirizzat/a lil *taxpayer* it-Tribunal jagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Appell Nru. 12/09** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010: *wieħed għandu bilfors jippreżumi li l-persuna li sottoskriviet il-pink card kien hekk inkarigat jirċievi il-posta. Jikkonsegwi illi biex tingħeleb din il-presunzjoni derivanti mill-konsenja tal-busta lil dik il-persuna, kien jokkorri jiġi provat mis-soċjetà appellanti illi l-konsenjatarju ma kienx la dipendenti tagħha u lanqas addett fis-sede tagħha fejn saret il-konsenja. … Il-liġi ma tesiġix il-ġeneralità tal-persuna reċipjenti, iżda suffiċit li l-oġġett postali ġie konsenjat fl-indirizz tad-destinatarju għal liema jirreferi t-tagħrif fuq il-pink card.*

Is-soċjetà Rikorrenti ttentat tipprova li Roberta Borg ma kenitx impjegata tagħha tramite x-xhieda tad-direttur Raymond Mallia u tramite x-xhieda ta' Mireille Turner, direttur tas-soċjetà Blye Co. Ltd. u d-dokumenti esebiti mill-istess Mireille Turner. Fil-fehma tat-Tribunal però tali xhieda u dokumenti ma jikkostitwixxux l-aħjar prova li s-soċjetà Rikorrenti kellha l-obbligu li tressaq quddiem dan it-Tribunal in sostenn ta' l-allegazzjoni tagħha dwar il-posizzjoni ta' Roberta Borg fiż-żmien in kwistjoni, obbligu dan nascenti mill-Artikolu 559 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-dokumenti esebiti minn Mireille Turner - Dok. "MT1" u Dok. "MT2" a fol. 397 u 398 tal-proċess - allegatament *downloaded* mill-*website* ta' JobsPlus u li kjarament jikkostitwixxu l-bażi ta' l-allegazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti, ma jistgħux u ma għandhomx jingħataw il-valur probatorju pretiz mis-soċjetà Rikorrenti stante li l-kontenut tagħhom ma ġie bl-ebda mod ikkonfermat bil-ġurament minn rappreżentant ta' JobsPlus, prova din li fil-fehma tat-Tribunal setgħet faċilment issir mis-soċjetà Rikorrenti iżda però għal raġunijiet li taf hija biss ma għamlithiex.

Dato ma non concesso li Roberta Borg setgħet ma kenitx impjegata tas-soċjetà Rikorrenti imma tas-soċjetà Blye Co. Ltd., mill-atti proċesswali, senjatament mill-iskambju ta' e-mails bejn Chantalle Mallia Fondè u Denise Said, jirriżulta bl-iktar mod ċar li s-soċjetà Rikorrenti u s-soċjetà Blye Co. Ltd. jinsabu - għall-inqas fiż-żmien tan-notifika ta' l-ittra datata 4 ta' Diċembru 2015 u ta' l-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti - fl-istess sede ossia Blye, Naxxar Road, San Ġwann, is-sede appuntu fejn intbagħtu l-ittra u l-istimi in kwistjoni. B'hekk anke jekk Roberta Borg setgħet kienet impjegata tas-soċjetà Blye Co. Ltd. u mhux tas-soċjetà Rikorrenti kjarament kienet addetta fl-istess sede tas-soċjetà Rikorrenti w allura b'mod għalkollox probabbli u plawisbbli li għaddiet l-istess ittra u stimi lir-rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti **hekk kif ġiet konsenjata lilha fil-11 ta' Diċmebru 2015**.

Li l-ittra in kwistjoni waslet għand is-soċjetà Rikorrenti hekk kif din ġiet konsenjata lil Roberta Borg jirriżulta wkoll mir-Rikors promotur tas-soċjetà Rikorrenti stess. Fil-fatt fil-premessi tagħha s-soċjetà Rikorrenti kjarament tafferma li *jider ċar illi d-diskrepanzi li hemm huma naxxenti mill-ammonti indikati f'Box 3, ossia l-akkwisti IK ta' oġġetti u servizzi mixtrija minn Stati membri oħra, tal-perijodi indikati fl-istimi/dikjarar ta' VAT: 01/01/2012-31/03/2012 - EUR 18,936.00; 01/07/2012-30/09/2012 - Eur 5,097.00; 01/10/2012-31/12/2012 - Eur 44,243.00. ...* ***Illi biex jiġi stabilit ir-raġuni tal-figuri hawn fuq indikati, ftit ġranet wara li rċeviet l-ittra surreferita datata 4 ta' Diċembru 2015, is-soċjetà rikorrenti tramite l-impjegata tagħha Chantalle Mallia Fondè minnufih bdiet tagħmel tentattivi ta' komunikazzjoni mal-firmatarja ta' l-ittra Denise Said, sabiex tara kif tista' tipproċedi bl-ispjegazzjonijiet tagħha, iżda l-istess Denise Said ma kienetx f'pusizzjoni li tirrispondi għad-domandi tas-soċjetà rikorrenti minħabba ż-żmien tas-sena kif ukoll peress li ma kienetx Malta għal perijodu ta' żmien u dan minkejja illi fl-istess ittra kien hemm indikat illi 'without prejudice to the contents of the preceding paragraph, any queries regarding this assessment may be referred to the undersigned'***[13].

Imkien fir-Rikors promotur is-soċjetà Rikorrenti ma ssemmi li l-ittra ta' l-4 ta' Diċembru 2015 u l-istimi ma ġewx konsenjati lilha dakinhar li tqassmu fil-11 ta' Diċembru 2015, anzi li jirriżulta mill-istess huwa li kif irċeviet l-ittra u l-istimi flok għaddiet minnufih biex tipprepara għall-appell minnha eventwalment interpost fl-20 ta' Jannar 2016, ippruvat tikkomunika mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud biex tipprova tiġġustifika il-figuri minnha dikjarati fid-denunzji tat-taxxa tagħha. Kien biss wara li rat li mhux se tasal mad-Dipartiment b'dan il-mod li għażlet li tippreżenta l-appell odjern, appell li però b'dan il-mod ġie ppreżentat ben għaxart ijiem wara l-iskadenza tat-terminu.

Għalkemm fl-ittra ta' l-4 ta' Diċembru 2015 is-soċjetà Rikorrenti ġiet infurmata li *without prejudice to the contents of the preceding paragraph* - fejn b'mod ċar ħafna ġie indikat id-dritt u t-terminu għal appell mill-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti - *any queries regarding this assessment may be referred to the undersigned* - ossia Denise Said, b'daqshekk ma jfissirx li hija setgħet liberalment tinjora t-terminu statutorju ta' tletin ġuranta biex jiġi intavolat l-appell mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha. In sostenn ta' din l-osservazzjoni ssir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-preitata sentenza **A.B. Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, *it-termini għall-appell minn sentenzi kemm taħt il-liġi ritwali ordinarja, kif ukoll taħt il-liġijiet speċjali, jiddekorru għall-fatt materjali tat-trapass taż-żmien. Huma termini perentorji u dwarhom di regola ma hemmx possiblita la ta' proroga u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mill-liġi previsti. Ad eżempju fejn il-ġurnata ta' l-iskadenza taħbat nhar ta' Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata oħra festiva.*

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li l-appell minn stimi notifikati fil-11 ta' Diċembru 2015 intavolat fl-20 ta' Jannar 2016 huwa kjarament tardiv u bħala tali għal kollox irritu u null.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jiddikjara li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-

[13] Para. 7 u 8 tar-Rikors promotur, fol. 2 tal-proċess. Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.

istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.01.12-31.03.12, 01.07.12-30.09.12 u 01.10.12-31.12.12 ġie ppreżentat tardivament u konsegwentement jiċħad tali appell in kwantu rritu u null.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tas-soċjetà Rikorrenti.

A tenur tal-Partita 2(4) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**